# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

16 ta' Lulju 2009 *

Fil-Kawża C-128/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunal de première instance de Liège (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Marzu 2008, fil-proċeduri

**Jacques Damseaux**

vs

**L-Istat Belġjan,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur) u J.-J. Kasel, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Frar 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Damseaux, minn E. Traversa, avocat,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u J.-C. Gracia, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. Bruni, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Noort u C. Wissels, kif ukoll minn Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Seeboruth u S. Ford, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn R. Lyal u J.-P. Keppenne, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 56 KE u 293 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn J. Damseaux u l-amministrazzjoni tat-taxxa Belġjana dwar it-tassazzjoni, fil-Belġju, ta' dividendi li dan kien irċieva minn kumpannija stabbilita fi Franza u li fuqhom kien diġà ġie intaxxat fi Franza.

**Il-kuntest ġuridiku**

3 Il-ftehim tal-10 ta' Marzu 1964 bejn il-Belġju u Franza, dwar ħelsien minn taxxa doppja, li jistabbilixxi regoli ta' assistenza amministrattiva u ġuridika reċiproka dwar taxxi fuq id-dħul, kif emendat bil-ftehim iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Frar 1999 (iktar 'il quddiem il-"ftehim Franko-Belġjan"), fl-Artikolu 15 tiegħu jipprovdi:

"1. Id-dividendi li joriġinaw fi Stat Kontraenti li jitħallsu lil persuna residenti fi Stat Kontraenti ieħor huma taxxabbli f'dan l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, dawn id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti li fih il-kumpannija li tħallas id-dividendi hija residenti, u skont il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, iżda t-taxxa hekk imposta ma tistax teċċedi:

[…]

b) 15 % tal-ammont gross tad-dividendi […].

Dan il-paragrafu ma jikkonċernax it-tassazzjoni tal-kumpannija fir-rigward tal-profitti li minnhom tħallsu d-dividendi.

[…]

4. Sakemm ma tibbenefikax mill-ħlas stipulat fil-paragrafu 3, persuna residenti fil-Belġju li tirċievi dividendi ta' kumpannija residenti fi Franza tista' titlob ir-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn relatata ma' dawn id-dividendi li kienet tħallset, jekk ikun il-każ, mill-kumpannija distributriċi. Franza tista' tnaqqas mill-ammont rimborsat it-taxxa f'ras il-għajn stipulata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu skont ir-rata applikabbli għad-dividendi li magħhom l-ammont rimborsat huwa relatat.

[...]".

4 L-Artikolu 19 A tal-ftehim Franko-Belġjan jipprovdi:

"It-taxxa doppja għandha tiġi evitata kif ġej:

A. F'dak li jirrigwarda l-Belġju:

1. Id-dħul u l-profitti minn investiment kapitali li jaqgħu fis-sistema stabbilita fl-Artikolu 15(2) sa (4), li kienu suġġetti għat-taxxa f'ras il-għajn fi Franza u li jinġabru minn kumpanniji residenti fil-Belġju suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji huma, bħala kumpens għall-ħlas tat-taxxa f'ras il-għajn bir-rata normali fuq l-ammont nett ta' taxxa Franċiża, eżentati mit-taxxa fuq il-kumpanniji u mit-taxxa ta' distribuzzjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni domestika Belġjana.

Fir-rigward tad-dħul u l-profitti msemmija fil-paragrafu preċedenti, li jinġabru minn persuni oħra residenti fil-Belġju [...], li kienu suġġetti għat-taxxa f'ras il-għajn fi Franza,

it-taxxa dovuta fil-Belġju fuq l-ammont nett ta' din it-taxxa Franċiża mħallsa f'ras il-għajn għandha titnaqqas, l-ewwel, bit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn bir-rata normali u, it-tieni, b'perċentwali fissa ta' taxxa barranija li titnaqqas skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-leġiżlazzjoni Belġjana, sakemm din il-perċentwali ma tkunx inqas minn 15 % ta' dak l-ammont nett.

F'dak li jirrigwarda d-dividendi li jaqgħu fis-sistema stabbilita fl-Artikolu 15(2) u (3), u li jitħallsu lil persuna fiżika residenti fil-Belġju, din tista', minflok it-tnaqqis ta' perċentwali fissa ta' taxxa barranija msemmi hawn fuq, tikseb fir-rigward ta' dan id-dħul, it-tnaqqis tal-kreditu ta' taxxa bir-rata u skont ir-regoli ddettaljati stipulati fil-leġiżlazzjoni Belġjana fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti fil-Belġju, bil-kundizzjoni li ssir talba bil-miktub mhux iktar tard mit-terminu previst għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa.

[...]"

5 Il-Kodiċi dwar it-taxxi fuq id-dħul, imwaqqaf bid-digriet irjali tal-10 ta' April 1992 u kkonfermat bil-liġi tat-12 ta' Ġunju 1992 (suppliment tal-Moniteur belge tat-30 ta' Lulju 1992, iktar 'il quddiem is-"CIR 1992"), jistabbilixxi fl-Artikolu 171 tiegħu:

"Bħala deroga mill-Artikoli 130 sa 168, dawn li ġejjin jistgħu jiġu intaxxati b'mod separat, ħlief jekk it-taxxa hekk ikkalkolata, miżjuda bit-taxxa relatata ma' dħul ieħor, hija ogħla minn dik li twassal għall-applikazzjoni tal-imsemmija artikoli għad-dħul kollu taxxabbli:

[...]

Punt 2a bir-rata ta'15 %:

[…]

b) id-dividendi msemmija fl-Artikolu 269(2), punt 2, (3) u (11)."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

6 J. Damseaux, residenti fil-Belġju, matul is-snin mill-2005 sal-2007 rċieva dividendi mill-kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata Total, li s-sede tagħha huwa fi Franza, u li fiha huwa kellu 5463 sehem.

7 Dawn id-dividendi, l-ewwel ġew suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn ta' 25 %. Skont l-Artikolu 15(2) tal-ftehim Franko-Belġjan, J. Damseaux seta' jitlob ir-rimbors ta' parti minn din it-taxxa, b'tali mod li l-imsemmija dividendi jiġu suġġetti, fi Franza, għal taxxa ta' 15 % biss.

8 L-ammont li jibqa' wara din it-taxxa kien suġġett għal taxxa f'ras il-għajn ta' 15 % fil-Belġju.

9 Peress li kkunsidra li d-dividendi tiegħu ta' oriġini Franċiża ġew intaxxata b'rata ogħla minn dividendi ta' oriġini Belġjana u li, peress li aċċetta li r-Repubblika Franċiża timponi taxxa f'ras il-għajn, ir-Renju tal-Belġju għandu, bħala Stat Membru ta' residenza,

jippermetti li jsir kreditu tat-taxxa Franċiża għat-taxxa f'ras il-għajn Belġjana jew li titneħħa t-taxxa f'ras il-għajn sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja, J. Damseaux ippreżenta lmenti kontra l-evalwazzjonijiet maħruġa mill-amministrazzjoni tat-taxxa Belġjana dwar id-dividendi li rċieva.

10 Peress li l-amministrazzjoni tat-taxxa Belġjana ċaħdet l-imsemmija lmenti minħabba li l-Artikolu 15 tal-Ftehim Franko-Belġjan jipprovdi għat-tassazzjoni tad-dividendi kemm fi Franza kif ukoll fil-Belġju, J. Damseaux beda proċeduri quddiem it-Tribunal de première instance de Liège (Qorti tal-Prim'Istanza ta' Liège).

11 Din il-qorti ddeċidiet li minkejja li s-sitwazzjonijiet tagħhom huma oġġettivament paragunabbli, ir-residenti Belġjani huma suġġetti għal sistemi ta' taxxa differenti skont jekk jirċievux dividendi minn kumpannija stabbilita fil-Belġju jew minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, jekk id-dividendi mħallsa minn kumpannija barranija lil persuna residenti fil-Belġju huma suġġetti għal taxxa doppja legali internazzjonali, id-dividendi mħallsa minn kumpanniji Belġjani lil persuna residenti fil-Belġju huma suġġetti biss għat-taxxa bir-rata ta' 15 % skont l-Artikolu 171(2)A(b) tas-CIR 1992 u mhumiex suġġetti għat-taxxa doppja.

12 Filwaqt li enfasizzat li l-Ftehim Franko-Belġjan ma kienx is-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Kerckhaert u Morres (C-513/04, Ġabra p. I-10967), it-Tribunal de première instance de Liège ddikjara li l-imsemmi ftehim huwa parti mil-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana u għandu, konsegwentement, ikun konformi mad-dritt Komunitarju. Din il-qorti tenfasizza wkoll li r-Renju tal-Belġju ma implementa l-ebda miżuri biex ineħħi t-taxxa doppja tad-dividendi kkonċernati.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal de première instance de Liège ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 56 [KE] għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi restrizzjoni li tirriżulta mill-[Ftehim Franko-Belġjan], li jippermetti taxxa doppja parzjali tad-dividendi ta' ishma ta' kumpanniji stabbiliti fi Franza u li tirrendi t-tassazzjoni ta' dawn id-dividendi ogħla mill-unika taxxa miżmuma f'ras il-għajn fil-Belġju applikata għad-dividendi mqassma minn kumpannija Belġjana lil azzjonist residenti Belġjan?

2) L-Artikolu 293 [KE] għandu jiġi interpretat bħala li jrendi żbaljat in-nuqqas ta' azzjoni ta[r-Renju ta]l-Belġju, li ma reġax innegozja mar-[Repubblika Franċiża] mod ġdid għat-tneħħija tat-tassazzjoni doppja tad-dividendi ta' ishma ta' kumpanniji stabbiliti fi Franza?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

14 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 56 KE jipprekludix ftehim fiskali bilaterali li permezz tiegħu dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil azzjonist residenti fi Stat Membru ieħor huma taxxabbli fiż-żewġ Stati Membri, mingħajr ma l-Istat Membru li fih jirrisjedi l-azzjonist ma jimpedixxi t-tassazzjoni doppja li tirriżulta.

15 F'din il-kawża, skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim Franko-Belġjan, id-dividendi li joriġinaw minn Stat kontraenti, li jitħallsu lil residenti ta' Stat Membru ieħor kontraenti, huma

taxxabbli f'dan l-Istat l-ieħor, iżda fl-Istat kontraenti fejn il-kumpannija li tħallas id-dividendi hija stabbilita jistgħu jiġu suġġetti għal taxxa li ma tistax teċċedi l-15 % tal-ammont gross tad-dividendi.

16 Jekk id-dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fi Franza lil azzjonist residenti fil-Belġju jistgħu għalhekk ikunu taxxabbli fiż-żewġ Stati Membri, mill-Ftehim Franko-Belġjan jirriżulta, kif inhu wkoll iddikjarat mill-qorti tar-rinviju, li dan jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-ħelsien minn taxxa doppja.

17 Fil-fatt, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19A(1) tal-Ftehim Franko-Belġjan, fir-rigward tad-dividendi mħallsa lil azzjonisti residenti fil-Belġju li jkunu diġà ġew suġġetti għat-taxxa f'ras il-għajn fi Franza, it-taxxa dovuta fil-Belġju fuq l-ammont nett ta' din it-taxxa Franċiża f'ras il-għajn għandha titnaqqas, l-ewwel, bit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn bir-rata normali u, it-tieni, b'perċentwali fissa ta' taxxa barranija li għandha titnaqqas skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-leġiżlazzjoni Belġjana, sakemm din il-perċentwali ma tkunx inqas minn 15 % tal-imsemmi ammont nett. Skont it-tielet paragrafu tal-imsemmi Artikolu 19A(1) tal-Ftehim Franko-Belġjan, f'dak li jirrigwarda d-dividendi li jaqgħu fis-sistema stabbilita fl-Artikolu 15(2) u (3) tal-imsemmi ftehim, u li jitħallsu lil persuna fiżika residenti fil-Belġju, din tista', minflok it-tnaqqis ta' perċentwali fissa ta' taxxa barranija msemmi hawn fuq, tikseb fir-rigward ta' dan id-dħul, it-tnaqqis ta' kreditu ta' taxxa bir-rata u skont ir-regoli ddettaljati stipulati fil-leġiżlazzjoni Belġjana fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Belġju, bil-kundizzjoni li ssir talba bil-miktub mhux iktar tard mit-terminu previst għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa.

18 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż iddikjara li, inkwantu l-Ftehim Franko-Belġjan għandu l-għan u l-effett li jelimina t-taxxa doppja li għaliha huma suġġetti d-dividendi mħallsa minn kumpannija stabbilita fi Franza lil azzjonist residenti fil-Belġju, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda.

19 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jqis ukoll li l-applikazzjoni korretta tar-Renju tal-Belġju tal-Artikolu 19A tal-Ftehim Franko-Belġjan ikollha bħala effett il-ħelsien mit-taxxa doppja tad-dividendi Franċiżi mħallsa lill-azzjonist residenti fil-Belġju. Madankollu, ir-Renju tal-Belġju ma japplikax l-imsemmi Artikolu 19A, inkwantu l-leġiżlazzjoni Belġjana ma tipprovdix proċeduri ta' tnaqqis ta' perċentwali fissa, li huwa mhux biss ksur tal-Ftehim Franko-Belġjan, iżda wkoll diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 56 KE.

20 Fil-kuntest tal-proċeduri skont l-Artikolu 234 KE, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta l-Artikolu 19A tal-Ftehim Franko-Belġjan u tistabilixxi l-obbligi li jirriżultaw minnu, peress li tali interpretazzjoni taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali.

21 Jekk, fil-kuntest ta' din l-interpretazzjoni, l-imsemmija qorti nazzjonali tqis li l-Artikolu 19A tal-Ftehim Franko-Belġjan jinkludi obbligu għar-Renju tal-Belġju li jimpedixxi t-taxxa doppja permezz ta' perċentwali fissa jew bi kreditu ta' taxxa, hija wkoll din il-qorti li għandha, skont id-dritt nazzjonali tagħha, tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi li jirriżultaw min-nuqqas ta' implementazzjoni tal-Artikolu 19A.

22 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, fil-kuntest tal-Artikolu 234 KE, sabiex tiddeċiedi dwar il-ksur eventwali, minn Stat Membru kontraenti, tad-dispożizzjoniet ta' ftehim bilaterali konklużi mill-Istati Membri sabiex jiġu eliminati jew imnaqqsa l-effetti negattivi li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' sistemi fiskali nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services, C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 46). Il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma tista' teżamina r-relazzjoni bejn miżura nazzjonali u d-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, bħall-ftehim fiskali bilaterali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li din il-kwistjoni ma taqax taħt l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, AMID, C-141/99, Ġabra p. I-11619, punt 18, kif ukoll Columbus Container Services, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47).

23 Madankollu mill-kliem tal-ewwel domanda jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tistrieħ fuq il-preżunzjoni li l-Ftehim Franko-Belġjan jippermetti tassazzjoni doppja legali ta' dividendi mħallsa minn kumpannija stabbilita fi Franza lil azzjonist residenti fil-Belġju. Għalhekk, l-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tiġi mifhuma bħala li hija intiża sabiex ikun magħruf jekk l-Artikolu 56 KE jipprekludix li ftehim fiskali bilaterali, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, permezz ta' liema d-dividendi mħallsa minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil azzjonist residenti fi Stat Memru ieħor jistgħu jiġu intaxxati fiż-żewġ Stati Membri, u li ma jipprovdix li l-Istat Membru li fih jirrisjedi l-azzjonist huwa bilfors obbligat li jimpedixxi t-taxxa doppja li tirriżulta.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, jekk it-taxxa diretta taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom jeżerċitawha filwaqt li jirrispettaw id-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, Ġabra. p. I-10837, punt 29; tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 40; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 36, u tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta, C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 16).

25 B'mod partikolari, huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, filwaqt li jirrispetta d-dritt Komunitarju, is-sistema tiegħu tat-tassazzjoni tal-profitti mqassma u li jiddefinixxi, f'dan il-kuntest, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rata tat-taxxa li għandhom japplikaw għall-azzjonist benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 47, u tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund, C-194/06, Ġabra p. I-3747, punt 30).

26 Minn dan jirriżulta, l-ewwel nett, li d-dividendi mħallsa minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil azzjonist residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jkunu suġġetti għal tassazzjoni doppja legali meta ż-żewġ Stati Membri jagħżlu li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni fiskali tagħhom u li jissuġġettaw l-imsemmija dividendi għat-taxxa f'idejn l-azzjonist.

27 It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-iżvantaġġi li jistgħu jirriżultaw mill-eżerċizzju parallel ta' kompetenzi fiskali ta' Stati Membri differenti, sakemm dan l-eżerċizzju ma jkunx diskriminatorju, mhumiex restrizzjonijiet ipprojbiti mit-Trattat KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ċċitati iktar 'il fuq Kerckhaert u Morres, punti 19, 20 u 24, kif ukoll Orange European Smallcap Fund, punti 41, 42 u 47).

28 Filwaqt li l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-Komunità Ewropea hija fost l-għanijiet tat-Trattat, madankollu għandu jiġi nnotat li, apparti l-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990, dwar il-ħelsien minn taxxa doppja f'każ ta' korrezzjoni tal-profitti ta' impriżi assoċjati (ĠU C 160, p. 11), l-Istati Membri ma kkonkludew l-ebda konvenzjoni multilaterali għal dan il-għan, skont l-Artikolu 293 KE (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly, C-336/96, Ġabra p. I-2793, punt 23).

29 Bl-istess mod, bl-eċċezzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147), u 2003/48/KE, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 369), ebda miżura ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni intiża sabiex tabolixxi s-sitwazzjonijiet ta' taxxa doppja ma ġiet adottata s'issa, fil-kuntest tad-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Orange European Smallcap Fund, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

30 Fin-nuqqas ta' miżuri Komunitarji ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni, l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-kompetenza sabiex jiddeterminaw, permezz ta' ftehim jew unilateralment, il-kriterji ta' tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, sabiex, partikolarment, tiġi eliminata t-taxxa doppja (sentenzi Gilly, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 u 30; tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN, C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 57; Amurta, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17, u Orange European Smallcap Fund, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32). Huma l-Istati Membri li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja, billi japplikaw, b'mod partikolari, il-kriterji segwiti fil-prattika fiskali internazzjonali (ara s-sentenza Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

31 Kif ġie indikat fil-punt 15 ta' din is-sentenza, f'din il-kawża, skont it-tqassim tal-kompetenzi fiskali miftiehem bejn ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Belġju, id-dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fi Franza lil resident Belġjan jistgħu jiġu ntaxxati fiż-żewġ Stati Membri.

32 F'sitwazzjoni fejn kemm l-Istat Membru li minnu joriġinaw id-dividendi kif ukoll l-Istat Membru li fih huwa residenti l-azzjonist jistgħu jintaxxaw l-imsemmija dividendi, li jiġi kkunsidrat li huwa bilfors l-Istat Membru li fih huwa residenti l-azzjonist li għandu jimpedixxi l-imsemmija taxxa doppja jammonta għall-għoti ta' prijorità fit-tassazzjoni ta' dan it-tip ta' dħul lill-Istat Membru li minnu joriġinaw id-dividendi.

33 Għalkemm tali tqassim ta' kompetenzi jkun konformi, b'mod partikolari, mal-prassi legali internazzjonali kif riflessa fil-mudell tal-ftehim fiskali dwar id-dħul u l-kapital żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika (OECD), b'mod partikolari, fl-Artikolu 23 B tiegħu, huwa stabbilit li d-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu u f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, ma jipprovdix kriterji ġenerali għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-Komunità (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kerckhaert u Morres, punt 22, kif ukoll Columbus Container Services, punt 45).

34 Konsegwentement, jekk Stat Membru ma jistax jinvoka ftehim bilaterali sabiex jevita l-obbligi imposti fuqu bit-Trattat (ara s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit International u Denkavit France, C-170/05, Ġabra p. I-11949, punt 53 u Amurta, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55), il-fatt li kemm l-Istat Membru li minnu joriġinaw id-dividendi kif ukoll l-Istat Membru li fih huwa residenti l-azzjonist jistgħu jintaxxaw l-imsemmija dividendi ma jimplikax li l-Istat Membru li fih jirrisjedi l-azzjonist, taħt id-dritt Komunitarju, huwa obbligat li jimpedixxi l-iżvantaġġi li jistgħu jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' kompetenzi hekk imqassma bejn iż-żewġ Stati Membri.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi u sakemm il-Ftehim Franko-Belġjan biss huwa s-suġġett tal-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun li, sakemm id-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu u f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, ma jipprovdix kriterji ġenerali għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-Komunità, l-Artikolu 56 KE ma jipprekludix lil ftehim fiskali bilaterali, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, permezz ta' liema d-dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil azzjonist residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jiġu intaxxati fiż-żewġ Stati Membri, u li ma jipprovdix li l-Istat Membru li fih huwa residenti l-azzjonist huwa bilfors obbligat li jimpedixxi t-taxxa doppja li tirriżulta.

*Fuq it-tieni domanda*

36 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Sakemm id-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu u f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, ma jipprovdix kriterji ġenerali għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-Komunità Ewropea, l-Artikolu 56 KE ma jipprekludix lil ftehim fiskali bilaterali, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, permezz ta' liema d-dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil azzjonist residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jiġu intaxxati fiż-żewġ Stati Membri, u li ma jipprovdix li l-Istat Membru li fih huwa residenti l-azzjonist huwa bilfors obbligat li jimpedixxi t-taxxa doppja legali li tirriżulta.**

Firem